REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1858

tal-10 ta' Ġunju 2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-proċeduri għar-rikonċiljazzjoni tad-*data* bejn ir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet u l-proċeduri li għandhom jiġu applikati mir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet biex jivverifika l-konformità mill-kontroparti li tirrapporta jew mill-entità li tressaq ir-rapport mar-rekwiżiti tar-rapportar u biex jivverifika l-kompletezza u l-korrettezza tad-*data* rrapportata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(10) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-kwalità għolja tad-dettalji tad-derivattivi rrapportati lir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet, jenħtieġ li dawn tal-aħħar jivverifikaw l-identità tal-entitajiet li jressqu r-rapport, l-integrità loġika tas-sekwenza li fiha jiġu rrapportati d-dettalji tad-derivattiv, u l-kompletezza u l-korrettezza ta' dawk id-dettalji.

(2) Għall-istess raġuni, jenħtieġ li r-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet jirrikonċiljaw id-dettalji ta' kull rapport dwar derivattiv li jirċievu fejn iż-żewġ kontropartijiet ikollhom obbligu ta' rapportar. Jenħtieġ li jiġi speċifikat proċess standardizzat biex ir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ikunu jistgħu jwettqu rikonċiljazzjoni b'mod konsistenti u biex jitnaqqsu r-riskji li d-dettalji tad-derivattivi ma jiġux rikonċiljati. Madankollu, ċerti dettalji tad-derivattivi jistgħu ma jkunux identiċi minħabba l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi tat-teknoloġija użati mill-entitajiet li jressqu r-rapport. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu applikati ċerti tolleranzi sabiex differenzi żgħar fid-dettalji tad-derivattivi rrapportati ma jżommux lill-awtoritajiet milli janalizzaw id-*data* b'livell adegwat ta' affidabbiltà.

(3) Barra minn hekk u minkejja obbligi oħra fir-rigward tad-dettalji tad-derivattivi miġbura u rreġistrati meta jitwettaq il-proċess għar-rikonċiljazzjoni, jenħtieġ li r-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-*data* skambjata bejniethom u li din titqiegħed għad-disponibbiltà tal-kontropartijiet li jirrapportaw, l-entitajiet responsabbli għar-rapportar u l-entitajiet li jressqu r-rapport.

(4) Fil-każijiet li fihom iseħħ event ta' ristrutturar korporattiv li jwassal għall-bidla tal-identifikatur ta' entità ġuridika ("LEI") ta' kontroparti, ikun jeħtieġ li jiġu aġġornati d-dettalji tal-entitajiet identifikati f'rapport dwar derivattiv. Sabiex l-integrità ta' dik l-informazzjoni tiġi żgurata, li huwa essenzjali għall-monitoraġġ tar-riskji sistemiċi għall-istabbiltà finanzjarja, huwa meħtieġ li l-aġġornament isir ċentralment mir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura sabiex jiġi żgurat li r-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ikunu jistgħu jaġġornaw l-identifikatur tal-entità b'mod ċentralizzat, u b'hekk jiġi żgurat proċess effiċjenti, robust u f'waqtu.

(5) Jenħtieġ li l-entitajiet li jressqu r-rapport jingħataw ħin suffiċjenti biex jadattaw għar-rekwiżiti tar-rapportar, b'mod partikolari biex jiġi evitat l-akkumulu ta' tranżazzjonijiet mhux rikonċiljati immedjatament wara li jibda japplika l-obbligu tar-rapportar. Għalhekk, huwa xieraq li fl-ewwel fażi jkun jenħtieġ li jiġi rikonċiljat sett ridott ta' kampijiet tad-*data* biss.

([1]) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

(6) L-entitajiet li jressqu r-rapport u l-entitajiet responsabbli għar-rapportar, fejn applikabbli, jenħtieġ li jkunu jistgħu jwettqu monitoraġġ tal-konformità tagħhom mal-obbligi ta' rapportar tagħhom, skont ir-Regolament (UE) 648/2012. Għalhekk, jenħtieġ li dawn ikunu jistgħu jaċċessaw ċertu informazzjoni, fuq bażi ta' kuljum, fir-rigward ta' dawk ir-rapporti, inkluż ir-riżultat tal-verifika ta' dawk ir-rapporti, anki meta tkun ġiet iġġenerata twissija, u l-progress tar-rikonċiljazzjoni tad-*data* rrapportata. Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi speċifikata l-informazzjoni li jenħtieġ li repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet jagħmel disponibbli għal dawn l-entitajiet fi tmiem kull jum tax-xogħol.

(7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentati lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.

(8) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ikkonsultat mal-membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(9) Sabiex il-kontropartijiet u r-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ikunu jistgħu jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda, id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi differita bi 18-il xahar,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Verifika tad-derivattivi minn repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet

1. Repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jivverifika dan kollu li ġej f'rapport dwar derivattiv riċevut:

(a) l-identità tal-entità li tressaq ir-rapport kif imsemmija fil-kamp tad-*data* 2 tat-Tabella 1 u l-kamp tad-*data* 2 tat-Tabella 3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1860 ([3]);

(b) li l-mudell XML użat biex jirrapporta derivattiv jikkonforma mal-metodoloġija ta' ISO 20022 f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1860;

(c) li l-entità li tressaq ir-rapport, jekk tkun differenti mill-entità responsabbli għar-rapportar kif imsemmija fil-kamp tad-*data* 3 tat-Tabella 1 u l-kamp tad-*data* 3 tat-Tabella 3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1860, tkun awtorizzata kif dovut biex tirrapporta f'isem il-kontroparti 1 jew l-entità responsabbli għar-rapportar, jekk tkun differenti mill-kontroparti 1, kif imsemmija fil-kamp tad-*data* 4 tat-Tabella 1 u l-kamp tad-*data* 4 tat-Tabella 3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1860;

(d) li l-istess derivattiv ma jkunx ġie rrapportat preċedentement;

(e) li rapport dwar derivattiv bit-tip ta' azzjoni "Modifika", "Aġġornament tal-Marġni", "Valwazzjoni", "Korrezzjoni", "Żball" jew "Terminazzjoni" jirrigwarda derivattiv imressaq preċedentement;

(f) li rapport dwar derivattiv bit-tip ta' azzjoni "Modifika" ma jirrigwardax derivattiv li jkun ġie rrapportat bħala kkanċellat bit-tip ta' azzjoni "Żball" li ma jkunx ġie sussegwentement irrapportat bit-tip ta' azzjoni "Ftuħ mill-ġdid";

(g) li rapport dwar derivattiv ma jinkludix it-tip ta' azzjoni "Ġdid" fir-rigward ta' derivattiv li jkun ġie rrapportat preċedentement;

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1860 tal-10 ta' Ġunju 2022 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards, il-formati, il-frekwenza u l-metodi u l-arranġamenti għar-rapportar (ara paġna 68 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali)

(h) li rapport dwar derivattiv ma jinkludix it-tip ta' azzjoni "Komponent tal-pożizzjoni" fir-rigward ta' derivattiv li jkun ġie rrapportat preċedentement;

(i) li rapport dwar derivattiv ma jkunx maħsub biex jimmodifika d-dettalji tal-kampijiet tad-*data* "Kontroparti 1" jew "Kontroparti 2" ta' derivattiv li jkun ġie rrapportat preċedentement;

(j) li rapport dwar derivattiv ma jkunx maħsub biex jimmodifika derivattiv li diġà jeżisti billi jispeċifika data effettiva li tiġi wara d-data tal-maturità rrapportata tad-derivattiv;

(k) li derivattiv rapportat bit-tip ta' azzjoni "Ftuħ mill-ġdid" jirrigwarda rapport dwar derivattiv imressaq preċedentement bit-tip ta' azzjoni "Żball" jew "Terminazzjoni" jew derivattiv li jkun immatura;

(l) il-korrettezza u l-kompletezza tar-rapport dwar derivattiv.

2. Repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jirrifjuta rapport li ma jikkonformax ma' wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u jassenjalu waħda mill-kategoriji ta' rifjut stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness.

3. Repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jipprovdi lill-entitajiet li jressqu r-rapport informazzjoni dettaljata dwar ir-riżultati tal-verifika tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien sittin minuta wara li jkun irċieva r-rapport dwar derivattiv. Repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jipprovdi dawk ir-riżultati f'format XML u f'mudell skont il-metodoloġija ta' ISO 20022. Ir-riżultati għandhom jispeċifikaw ir-raġunijiet għar-rifjut ta' rapport dwar derivattiv skont it-Tabella 1 tal-Anness.

Artikolu 2

Proċedura għall-aġġornamenti tal-Identifikaturi ta' entità ġuridika

1. Repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet li jirċievi talba indirizzata lilu skont l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1860 għandu jidentifika d-derivattivi pendenti msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1860 f'dak iż-żmien tal-event tar-ristrutturar korporattiv, fejn l-entità tiġi rrapportata bl-identifikatur użat qabel ir-ristrutturar korporattiv fil-kamp tad-*data* "Kontroparti 1" jew "Kontroparti 2", kif mgħarraf fit-talba rilevanti. Għandu jissostitwixxi l-identifikatur il-qadim bl-Identifikatur ta' entità ġuridika l-ġdid ("LEI" – Legal Entity Identifier) fir-rapporti relatati ma' dawk id-derivattivi kollha fiż-żmien tal-event imsemmi fl-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1860 li jirrigwarda lil dik il-kontroparti. Repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jwettaq il-proċedura rigward l-aġġornament tal-identifikatur mhux aktar tard minn dakinhar tar-ristrutturar jew fi żmien 30 jum kalendarju minn meta jirċievi t-talba jekk irrapportata inqas minn 30 jum kalendarju qabel id-data tal-event ta' ristrutturar korporattiv.

2. Repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jidentifika d-derivattivi rilevanti msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1860 fiż-żmien tal-event ta' ristrutturar korporattiv, fejn l-entità tiġi identifikata bl-identifikatur il-qadim fi kwalunkwe kamp tad-*data*, u jissostitwixxi dak l-identifikatur bil-LEI l-ġdid. Fejn event ta' ristrutturar korporattiv ikun jirrigwarda aġġornament tal-LEI għall-kampijiet tad-*data* għajr għall-"Kontroparti 1" jew "Kontroparti 2", ir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jwettaq tali aġġornament tad-derivattivi rilevanti b'segwitu biss ta' konferma f'waqtha mill-kontroparti 1 jew l-entità responsabbli għar-rapportar.

3. Repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jwettaq l-azzjonijiet li ġejjin:

(a) wara li jirċievi l-konferma rilevanti skont il-paragrafu 2, jimplimenta l-aġġornament tal-LEI mid-data msemmija fil-paragrafu 1;

(b) ixandar l-informazzjoni li ġejja mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard minn 5 ijiem tax-xogħol wara li tiġi riċevuta n-notifika kompluta, lir-repożitorji kollha tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet u lill-kontropartijiet li jirrapportaw, lill-entitajiet li jressqu r-rapport, lill-entitajiet responsabbli għar-rapportar involuti fil-kuntratti tad-derivattivi kkonċernati mill-aġġornament tal-LEI, u lill-partijiet terzi li ngħataw aċċess għall-informazzjoni skont l-Artikolu 78(7) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, kif applikabbli:

   (i) l-identifikatur il-qadim/l-identifikaturi l-qodma;

   (ii) l-identifikatur il-ġdid;

   (iii) id-data minn meta għandu jsir l-aġġornament;

   (iv) f'każ ta' eventi korporattivi li jaffettwaw subsett tad-derivattivi pendenti fid-data tal-event, il-lista tal-identifikaturi uniċi tat-tranżazzjoni (UTIs – unique trade identifiers) tad-derivattivi kkonċernati mill-aġġornament tal-LEI;

(c) jinnotifika, mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol li jippreċedi d-data meta jiġi applikat l-aġġornament, lill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 81(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li għandhom aċċess għad-*data* relatata mad-derivattivi li jkunu ġew aġġornati, permezz ta' fajl speċifiku f'format li jinqara mill-magni:

(i) l-identifikatur il-qadim/l-identifikaturi l-qodma;

(ii) l-identifikatur il-ġdid;

(iii) id-data minn meta għandu jsir l-aġġornament;

(iv) f'każ ta' eventi korporattivi li jaffettwaw subsett tad-derivattivi pendenti fid-data tal-event, il-lista tal-UTIs tad-derivattivi kkonċernati mill-aġġornament tal-LEI;

(d) jirreġistra l-aġġornament tal-LEI fir-reġistru tar-rapportar.

4. Repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ma għandux jaġġorna l-LEIs irrapportati għad-derivattivi li mhumiex dawk imsemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1860 fiż-żmien tal-event korporattiv.

Artikolu 3

Rikonċiljazzjoni tad-data mir-repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet

1. Repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jara li jirrikonċilja derivattiv irrapportat billi jieħu l-passi stabbiliti fil-paragrafu 3, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ikun wettaq il-verifiki stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 1;

(b) iż-żewġ kontropartijiet f'derivattiv irrapportat ikollhom obbligu ta' rapportar skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(c) ir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ma jkunx irċieva rapport bit-tip ta' azzjoni "Żball" fir-rigward tad-derivattiv irrapportat, sakemm tali rapport ma jkunx ġie segwit minn rapport bit-tip ta' azzjoni "Ftuħ mill-ġdid".

2. Repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jkollu arranġamenti implimentati biex jiżgura l-kunfidenzjalità tad-*data* meta jsir l-iskambju tal-informazzjoni mar-repożitorji l-oħra tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet u meta jipprovdi informazzjoni lill-kontropartijiet li jirrapportaw, lill-entitajiet li jressqu r-rapport, lill-entitajiet responsabbli għar-rapportar kif ukoll lill-partijiet terzi li ngħataw aċċess għall-informazzjoni skont l-Artikolu 78(7) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 dwar il-valuri għall-kampijiet tad-*data* kollha soġġetti għar-rikonċiljazzjoni.

3. F'każ li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha tal-paragrafu 1, repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jieħu l-passi li ġejjin, billi juża l-iktar valur reċenti rrapportat għal kull wieħed mill-kampijiet tad-*data* fit-Tabella 2 tal-Anness, kif ikun jinsab dakinhar tal-jum tax-xogħol preċedenti:

(a) repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet li jkun irċieva rapport dwar derivattiv għandu jivverifika jekk ikunx irċieva rapport korrispondenti minn kontroparti oħra jew f'isimha;

(b) repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet li ma jkunx irċieva rapport dwar derivattiv korrispondenti kif imsemmi fil-punt (a) għandu jipprova jidentifika r-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet li jkun irċieva r-rapport korrispondenti dwar derivattiv billi jikkomunika l-valuri tal-kampijiet tad-*data* li ġejjin tad-derivattiv irrapportat lir-repożitorji kollha rreġistrati tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet: "Identifikatur uniku tat-tranżazzjoni", "Kontroparti 1" u "Kontroparti 2";

(c) repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet li jiddetermina li repożitorju ieħor tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ikun irċieva rapport dwar derivattiv korrispondenti msemmi fil-punt (a) għandu jiskambja ma' dak ir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet, id-dettalji tad-derivattiv irrapportat f'format XML u f'mudell żviluppat skont il-metodoloġija ta' ISO 20022;

(d) repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jittratta derivattiv irrapportat bħala rikonċiljat fejn id-dettalji ta' dak id-derivattiv soġġett għar-rikonċiljazzjoni jaqblu mad-dettalji tad-derivattiv korrispondenti kif imsemmi fil-punt (a) u skont il-limiti ta' tolleranza applikabbli u d-dati tal-applikazzjoni rilevanti kif stipulati fit-Tabella 2 tal-Anness;

(e) sussegwentement, repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jassenja valuri għall-kategoriji ta' rikonċiljazzjoni għal kull tranżazzjoni ta' derivattivi rrapportata, kif stabbilit fit-Tabella 3 tal-Anness;

(f) repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jikkonkludi l-passi fil-punti (a) sa (e) mill-iktar fis possibbli u ma għandu jieħu ebda passi bħal dawn wara nofsillejl ħin universali koordinat f'xi jum tax-xogħol minnhom;

(g) repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet li ma jistax jirrikonċilja derivattiv irrapportat għandu jara li jqabbel id-dettalji ta' dan id-derivattiv irrapportat fil-jum tax-xogħol segwenti. Ir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ma għandux jibqa' jfittex li jirrikonċilja d-derivattiv irrapportat tletin jum kalendarju wara li d-derivattiv ma jibqax pendenti.

4. Repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jikkonferma l-għadd totali ta' derivattivi ppariġġati u l-għadd ta' derivattivi rikonċiljati ma' kull repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet li miegħu jkun irrikonċilja d-derivattivi fi tmiem kull jum tax-xogħol. Repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jimplimenta proċeduri bil-miktub biex jiżgura r-riżoluzzjoni tad-diskrepanzi kollha identifikati f'dan il-proċess.

5. Mhux aktar tard minn sittin minuta wara l-konklużjoni tal-proċess għar-rikonċiljazzjoni kif stabbilit fil-punt (f) tal-paragrafu 3, repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jipprovdi, lill-entitajiet li jressqu r-rapport, ir-riżultati tal-proċess għar-rikonċiljazzjoni mwettaq minnu fir-rigward tad-derivattivi rrapportati. Repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jipprovdi dawn ir-riżultati f'format XML u f'mudell żviluppat skont il-metodoloġija ta' ISO 20022, inkluża informazzjoni dwar il-kampijiet tad-*data* li ma jkunux ġew rikonċiljati.

Artikolu 4

Mekkaniżmi ta' risposta fi tmiem il-jum

1. Fir-rigward ta' kull jum tax-xogħol, repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-kontropartijiet li jirrapportaw, tal-entitajiet li jressqu r-rapport, tal-entitajiet responsabbli għar-rapportar kif ukoll tal-partijiet terzi li jkunu ngħataw aċċess għall-informazzjoni skont l-Artikolu 78(7) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, kif applikabbli, l-informazzjoni li ġejja dwar id-derivattivi kkonċernati, f'format XML u f'mudell żviluppat skont il-metodoloġija ta' ISO 20022:

(a) id-derivattivi rrapportati matul dak il-jum;

(b) l-aktar *data* reċenti tat-tranżazzjonijiet tad-derivattivi pendenti;

(c) ir-rapporti dwar derivattiv li jkunu ġew irrifjutati matul dak il-jum;

(d) l-istatus ta' rikonċiljazzjoni tad-derivattivi rrapportati kollha soġġetti għar-rikonċiljazzjoni skont l-Artikolu 3(1);

(e) id-derivattivi pendenti li għalihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda valwazzjoni, jew li l-valwazzjoni li tkun ġiet irrapportata għalihom tkun datata aktar minn 14-il jum kalendarju qabel il-jum li għalih ikun iġġenerat ir-rapport;

(f) id-derivattivi pendenti li għalihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda informazzjoni dwar il-marġni, jew li l-informazzjoni dwar il-marġni li tkun ġiet irrapportata għalihom tkun datata aktar minn 14-il jum kalendarju qabel il-jum li għalih ikun iġġenerat ir-rapport;

(g) id-derivattivi li jkunu ġew riċevuti f'dak il-jum bit-tip ta' azzjoni "Ġdid", "Komponent tal-pożizzjoni", "Modifika" jew "Korrezzjoni" u li l-ammont nozzjonali tagħhom ikunu anormali għal dik il-klassi ta' derivattivi.

2. Repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jipprovdi tali informazzjoni mhux aktar tard mis-06.00 ħin universali koordinat tal-jum tax-xogħol l-għada tal-jum li għalih tirreferi l-informazzjoni pprovduta fil-paragrafu 1.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn 29 ta' April 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Tabella 1

Raġunijiet għar-rifjut ta' rapport dwar derivattiv

Kategoriji ta' rifjut	Raġuni
Skema	— id-derivattiv ġie rrifjutat, minħabba skema mhux konformi.
Permess	— id-derivattiv ġie rrifjutat, minħabba li l-entità li tressaq ir-rapport ma għandhiex permess li tirrapporta f'isem il-kontroparti li tirrapporta jew l-entità responsabbli għar-rapportar.
Loġika	— id-derivattiv ġie rrifjutat, minħabba li t-tip ta' azzjoni għad-derivattiv mhuwiex loġikament korrett.
Operat	— id-derivattiv ġie rrifjutat, minħabba li d-derivattiv mhuwiex konformi ma' validazzjoni waħda jew aktar tal-kontenut.

Tabella 2

	Taqsima	Kamp tad-*data*	Tolleranza fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni	Data tal-bidu tar-rikonċiljazzjoni
1	Partijiet f'derivattiv	Kronogramma tar-rapportar	M/A	M/A
2	Partijiet f'derivattiv	ID tal-entità li tressaq ir-rapport	M/A	M/A
3	Partijiet f'derivattiv	Entità responsabbli għar-rapportar	M/A	M/A
4	Partijiet f'derivattiv	Kontroparti 1 (Kontroparti li tirrapporta)	L-istess bħall-kamp tad-*data* 9 f'din it-tabella	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
5	Partijiet f'derivattiv	Natura tal-kontroparti 1	M/A	M/A
6	Partijiet f'derivattiv	Is-settur korporattiv tal-kontroparti 1	M/A	M/A
7	Partijiet f'derivattiv	Limitu minimu tal-ikklerjar tal-kontroparti 1	M/A	M/A
8	Partijiet f'derivattiv	It-tip ta' identifikatur tal-kontroparti 2	M/A	M/A
9	Partijiet f'derivattiv	Kontroparti 2	L-istess bħall-kamp tad-*data* 4 f'din it-tabella	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
10	Partijiet f'derivattiv	Pajjiż tal-kontroparti 2	M/A	M/A
11	Partijiet f'derivattiv	Natura tal-kontroparti 2	M/A	M/A

	Taqsima	Kamp tad-*data*	Tolleranza fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni	Data tal-bidu tar-rikonċiljazzjoni
12	Partijiet f'derivattiv	Settur korporattiv tal-kontroparti 2	M/A	M/A
13	Partijiet f'derivattiv	Limitu minimu tal-ikklerjar tal-kontroparti 2	M/A	M/A
14	Partijiet f'derivattiv	Obbligu ta' rapportar tal-kontroparti 2	M/A	M/A
15	Partijiet f'derivattiv	ID tas-sensar	M/A	M/A
16	Partijiet f'derivattiv	Membru tal-ikklerjar	M/A	M/A
17	Partijiet f'derivattiv	Direzzjoni	Opposta	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
18	Partijiet f'derivattiv	Direzzjoni tal-komponent 1	Opposta	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
19	Partijiet f'derivattiv	Direzzjoni tal-komponent 2	Opposta	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
20	Partijiet f'derivattiv	B'rabta diretta ma' attività kummerċjali jew finanzjament tat-teżor	M/A	M/A
1	Taqsima 2a - Identifikaturi u kollegamenti	UTI	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
2	Taqsima 2a - Identifikaturi u kollegamenti	Numru tal-intraċċar tar-rapport	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
3	Taqsima 2a - Identifikaturi u kollegamenti	UTI preċedenti (għar-relazzjonijiet waħda għal waħda u waħda għal ħafna bejn it-tranżazzjonijiet)	Le	Sentejn wara d-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
4	Taqsima 2a - Identifikaturi u kollegamenti	UTI tal-pożizzjoni sussegwenti	Le	Sentejn wara d-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
5	Taqsima 2a - Identifikaturi u kollegamenti	ID tat-tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar (PTRR)	M/A	M/A
6	Taqsima 2a - Identifikaturi u kollegamenti	Identifikatur tal-pakkett	M/A	M/A
7	Taqsima 2b – Informazzjoni dwar il-kuntratt	Numru internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN)	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
8	Taqsima 2b – Informazzjoni dwar il-kuntratt	Identifikatur uniku tal-prodott (UPI)	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar

	Taqsima	Kamp tad-*data*	Tolleranza fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni	Data tal-bidu tar-rikonċiljazzjoni
9	Taqsima 2b – Informazzjoni dwar il-kuntratt	Klassifikazzjoni tal-prodott	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
10	Taqsima 2b – Informazzjoni dwar il-kuntratt	Tip ta' kuntratt	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
11	Taqsima 2b – Informazzjoni dwar il-kuntratt	Klassi tal-assi	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
12	Taqsima 2b – Informazzjoni dwar il-kuntratt	Derivattiv ibbażat fuq il-kriptoassi	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
13	Taqsima 2b – Informazzjoni dwar il-kuntratt	Tip ta' identifikazzjoni tas-sottostanti	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
14	Taqsima 2b – Informazzjoni dwar il-kuntratt	Identifikazzjoni tas-sottostanti	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
15	Taqsima 2b – Informazzjoni dwar il-kuntratt	Indikatur tal-indiċi sottostanti	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
16	Taqsima 2b – Informazzjoni dwar il-kuntratt	Isem l-indiċi sottostanti	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
17	Taqsima 2b – Informazzjoni dwar il-kuntratt	Kodiċi tal-basket personalizzati	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
18	Taqsima 2b – Informazzjoni dwar il-kuntratt	Identifikatur tal-kostitwenti tal-basket	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
19	Taqsima 2b – Informazzjoni dwar il-kuntratt	Munita tas-saldu 1	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
20	Taqsima 2b – Informazzjoni dwar il-kuntratt	Munita tas-saldu 2	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
21	Taqsima 2c – Valwazzjoni	Ammont tal-valwazzjoni	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
22	Taqsima 2c – Valwazzjoni	Munita tal-valwazzjoni	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
23	Taqsima 2c – Valwazzjoni	Kronogramma tal-valwazzjoni	M/A	M/A

	Taqsima	Kamp tad-*data*	Tolleranza fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni	Data tal-bidu tar-rikonċiljazzjoni
24	Taqsima 2c – Valwazzjoni	Metodu tal-valwazzjoni	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
25	Taqsima 2c – Valwazzjoni	Delta	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
26	Taqsima 2d – Kollateral	Indikatur tal-portafoll tal-kollateral	M/A	M/A
27	Taqsima 2d – Kollateral	Kodiċi tal-portafoll tal-kollateral	M/A	M/A
28	Taqsima 2e – Mitigazzjoni tar-riskju / Rapportar	Kronogramma tal-konferma	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
29	Taqsima 2e – Mitigazzjoni tar-riskju / Rapportar	Konfermati	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
30	Taqsima 2f - Ikklerjar	Obbligu tal-ikklerjar	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
31	Taqsima 2f - Ikklerjar	Ikklerjat	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
32	Taqsima 2f - Ikklerjar	Kronogramma tal-ikklerjar	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
33	Taqsima 2f - Ikklerjar	Kontroparti ċentrali	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
34	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Tip ta' Ftehim Prinċipali	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
35	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Tip ieħor ta' ftehim prinċipali	M/A	M/A
36	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Verżjoni tal-Ftehim Prinċipali	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
37	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Intragrupp	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
38	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	PTRR	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
39	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Tip ta' teknika tal-PTRR	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar

	Taqsima	Kamp tad-*data*	Tolleranza fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni	Data tal-bidu tar-rikonċiljazzjoni
40	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Fornitur tas-servizz PTRR	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
41	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Ċentru tal-eżekuzzjoni	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
42	Taqsima 2c – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Kronogramma tal-eżekuzzjoni	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
43	Taqsima 2c – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Data effettiva	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
44	Taqsima 2c – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Data ta' skadenza	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
45	Taqsima 2c – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Data tat-terminazzjoni bikrija	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
46	Taqsima 2c – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Data finali tas-saldu kuntrattwali	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
47	Taqsima 2c – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Tip ta' konsenja	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
48	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Prezz	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
49	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Munita tal-prezz	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
50	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Data effettiva mhux aġġustata tal-prezz	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
51	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Data tat-tmiem mhux aġġustata tal-prezz	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
52	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Prezz fis-seħħ bejn id-data effettiva mhux aġġustata u d-data tat-tmiem	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
53	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Prezz tat-tranżazzjoni f'pakkett	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
54	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Munita tal-prezz tat-tranżazzjoni f'pakkett	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar

	Taqsima	Kamp tad-*data*	Tolleranza fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni	Data tal-bidu tar-rikonċiljazzjoni
55	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Ammont nozzjonali tal-komponent 1	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
56	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Munita nozzjonali 1	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
57	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Data effettiva tal-ammont nozzjonali tal-komponent 1	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
58	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Data tat-tmiem tal-ammont nozzjonali tal-komponent 1	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
59	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Ammont nozzjonali fis-seħħ fid-data effettiva assoċjata tal-komponent 1	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
60	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Kwantità nozzjonali totali tal-komponent 1	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
61	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Data effettiva tal-kwantità nozzjonali tal-komponent 1	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
62	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Data tat-tmiem tal-kwantità nozzjonali tal-komponent 1	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
63	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Kwantità nozzjonali fis-seħħ fid-data effettiva assoċjata tal-komponent 1	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
64	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Ammont nozzjonali tal-komponent 2	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
65	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Munita nozzjonali 2	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
66	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Data effettiva tal-ammont nozzjonali tal-komponent 2	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
67	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Data tat-tmiem tal-ammont nozzjonali tal-komponent 2	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
68	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Ammont nozzjonali fis-seħħ fid-data effettiva assoċjata tal-komponent 2	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
69	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Kwantità nozzjonali totali tal-komponent 2	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
70	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Data effettiva tal-kwantità nozzjonali tal-komponent 2	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
71	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Data tat-tmiem tal-kwantità nozzjonali tal-komponent 2	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar

	Taqsima	Kamp tad-*data*	Tolleranza fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni	Data tal-bidu tar-rikonċiljazzjoni
72	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Kwantità nozzjonali fis-seħħ fid-data effettiva assoċjata tal-komponent 2	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
73	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Tip ieħor ta' pagament	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
74	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Ammont ieħor ta' pagament	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
75	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Munita oħra ta' pagament	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
76	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Data oħra ta' pagament	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
77	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Pagatur ieħor ta' pagament	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
78	Taqsima 2g – Dettalji dwar it-tranżazzjoni	Riċevitur ieħor ta' pagament	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
79	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Rata fissa tal-komponent 1 jew il-kupun	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
80	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Konvenzjoni tal-għadd tal-jiem tar-rata fissa jew tal-kupun tal-komponent 1	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
81	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Perjodu ta' frekwenza tal-pagament tar-rata fissa jew tal-kupun tal-komponent 1	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
82	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Multiplikatur tal-perjodu ta' frekwenza tal-pagament tar-rata fissa jew tal-kupun tal-komponent 1	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
83	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Identifikatur tar-rata varjabbli tal-komponent 1	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
84	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Indikatur tar-rata varjabbli tal-komponent 1	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
85	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Isem ir-rata varjabbli tal-komponent 1	M/A	M/A
86	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Konvenzjoni tal-għadd tal-jiem tar-rata varjabbli tal-komponent 1	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar

	Taqsima	Kamp tad-*data*	Tolleranza fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni	Data tal-bidu tar-rikonċiljazzjoni
87	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Perjodu ta' frekwenza tal-pagament tar-rata varjabbli tal-komponent 1	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
88	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Multiplikatur tal-perjodu ta' frekwenza tal-pagament tar-rata varjabbli tal-komponent 1	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
89	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Perjodu ta' referenza tar-rata varjabbli tal-komponent 1 – perjodu ta' żmien	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
90	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Perjodu ta' referenza tar-rata varjabbli tal-komponent 1 – multiplikatur	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
91	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Perjodu tal-frekwenza tar-risettjar tar-rata varjabbli tal-komponent 1	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
92	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Multiplikatur tal-frekwenza tar-risettjar tar-rata varjabbli tal-komponent 1	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
93	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Spread tal-komponent 1	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
94	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Munita tal-ispread tal-komponent 1	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
95	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Rata fissa tal-komponent 2	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
96	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Konvenzjoni tal-għadd tal-jiem tar-rata fissa tal-komponent 2	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
97	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Perjodu ta' frekwenza tal-pagament tar-rata fissa tal-komponent 2	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
98	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Multiplikatur tal-perjodu ta' frekwenza tal-pagament tar-rata fissa tal-komponent 2	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
99	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Identifikatur tar-rata varjabbli tal-komponent 2	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
100	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Indikatur tar-rata varjabbli tal-komponent 2	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
101	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Isem ir-rata varjabbli tal-komponent 2	M/A	M/A
102	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Konvenzjoni tal-għadd tal-jiem tar-rata varjabbli tal-komponent 2	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
103	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Perjodu ta' frekwenza tal-pagament tar-rata varjabbli tal-komponent 2	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar

	Taqsima	Kamp tad-*data*	Tolleranza fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni	Data tal-bidu tar-rikonċiljazzjoni
104	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Multiplikatur tal-perjodu ta' frekwenza tal-pagament tar-rata varjabbli tal-komponent 2	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
105	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Perjodu ta' referenza tar-rata varjabbli tal-komponent 2 – perjodu ta' żmien	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
106	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Perjodu ta' referenza tar-rata varjabbli tal-komponent 2 – multiplikatur	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
107	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Perjodu tal-frekwenza tar-risettjar tar-rata varjabbli tal-komponent 2	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
108	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Multiplikatur tal-frekwenza tar-risettjar tar-rata varjabbli tal-komponent 2	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
109	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Spread tal-komponent 2	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
110	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Munita tal-ispread tal-komponent 2	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
111	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Spread tat-tranżazzjoni f'pakkett	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
112	Taqsima 2h – Rati tal-Imgħax	Munita tal-ispread tat-tranżazzjoni f'pakkett	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
113	Taqsima 2i – Munita Barranija	Rata 1 tal-kambju	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
114	Taqsima 2i – Munita Barranija	Rata tal-kambju forward	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
115	Taqsima 2i – Munita Barranija	Bażi tar-rata tal-kambju	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
116	Taqsima 2j – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Ġenerali)	Prodott bażi	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
117	Taqsima 2j – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Ġenerali)	Prodott sekondarju	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar

	Taqsima	Kamp tad-*data*	Tolleranza fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni	Data tal-bidu tar-rikonċiljazzjoni
118	Taqsima 2j – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Ġenerali)	Prodott sekondarju ulterjuri	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
119	Taqsima 2k – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Enerġija)	Punt jew żona tal-konsenja	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
120	Taqsima 2k – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Enerġija)	Punt ta' Interkonnessjoni	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
121	Taqsima 2k – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Enerġija)	Tip ta' tagħbija	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
122	Taqsima 2k – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Enerġija)	Ħin tal-bidu tal-intervall tal-konsenja	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
123	Taqsima 2k – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Enerġija)	Ħin tat-tmiem tal-intervall tal-konsenja	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
124	Taqsima 2k – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Enerġija)	Data tal-bidu tal- konsenja	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
125	Taqsima 2k – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Enerġija)	Data tat-tmiem tal-konsenja	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
126	Taqsima 2k – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Enerġija)	Durata	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
127	Taqsima 2k – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Enerġija)	Jiem tal-ġimgħa	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
128	Taqsima 2k – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Enerġija)	Kapaċità tal-konsenja	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar

	Taqsima	Kamp tad-*data*	Tolleranza fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni	Data tal-bidu tar-rikonċiljazzjoni
129	Taqsima 2k – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Enerġija)	Unità tal-Kwantità	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
130	Taqsima 2k – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Enerġija)	Prezz għal kull kwantità għal kull intervall ta' żmien	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
131	Taqsima 2k – Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet (Enerġija)	Munita tal-prezz għal kull kwantità għal kull intervall ta' żmien	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
132	Taqsima 2l – Opzjonijiet	Tip ta' opzjoni	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
133	Taqsima 2l – Opzjonijiet	Stil tal-opzjoni	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
134	Taqsima 2l – Opzjonijiet	Prezz tal-eżerċitar	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
135	Taqsima 2l – Opzjonijiet	Data effettiva tal-prezz tal-eżerċitar	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
136	Taqsima 2l – Opzjonijiet	Data tat-tmiem tal-prezz tal-eżerċitar	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
137	Taqsima 2l – Opzjonijiet	Prezz tal-eżerċitar fis-seħħ fid-data effettiva assoċjata	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
138	Taqsima 2l – Opzjonijiet	Munita/par muniti tal-prezz tal-eżerċitar	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
139	Taqsima 2l – Opzjonijiet	Ammont tal-primjum tal-opzjoni	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
140	Taqsima 2l – Opzjonijiet	Munita tal-primjum tal-opzjoni	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
141	Taqsima 2l – Opzjonijiet	Data ta' pagament tal-primjum tal-opzjoni	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar

	Taqsima	Kamp tad-*data*	Tolleranza fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni	Data tal-bidu tar-rikonċiljazzjoni
142	Taqsima 2i – Opzjonijiet	Data tal-maturità tas-sottostanti	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
143	Taqsima 2m – Derivattivi ta' kreditu	Superjorità	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
144	Taqsima 2m – Derivattivi ta' kreditu	Entità referenzjarja	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
145	Taqsima 2m – Derivattivi ta' kreditu	Serje	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
146	Taqsima 2m – Derivattivi ta' kreditu	Verżjoni	Le	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
147	Taqsima 2m – Derivattivi ta' kreditu	Fattur tal-indiċi	Iva	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
148	Taqsima 2m – Derivattivi ta' kreditu	Segment	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
149	Taqsima 2m – Derivattivi ta' kreditu	Punt ta' attakkament tal-indiċi tas-swap ta' inadempjenza ta' kreditu (CDS)	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
150	Taqsima 2m – Derivattivi ta' kreditu	Punt ta' distakkament tal-indiċi tas-CDS	Iva	Sentejn mid-data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar
151	Taqsima 2n – Modifiki fid-derivattiv	Tip ta' azzjoni	M/A	M/A
152	Taqsima 2n – Modifiki fid-derivattiv	Tip ta' event	M/A	M/A
153	Taqsima 2n – Modifiki fid-derivattiv	Data tal-event	M/A	M/A
154	Taqsima 2n – Modifiki fid-derivattiv	Livell	Le	Data tal-bidu tal-obbligu ta' rapportar

Tabella 3

Kategoriji ta' rikonċiljazzjoni	Valuri permessi
Rekwiżit tar-rapportar għaż-żewġ kontropartijiet	Iva/Le
Tip ta' rapportar	Naħa waħda/Żewġ naħat
Formazzjoni f'par	Ippariġġati/Mhux ippariġġati
Rikonċiljazzjoni	Rikonċiljata/Mhux rikonċiljata
Rikonċiljazzjoni tal-valwazzjoni	Rikonċiljata/Mhux rikonċiljata
Ftuħ mill-ġdid	Iva/Le
Modifiki ulterjuri	Iva/Le